

Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-12 ta' Novembru 2008 — Scil proteins vs UASI — Indena (affilene)

(Kawża T-87/07) ⁽¹⁾

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva Komunitarja affilene — Trade mark verbali Komunitarja preċedenti AFFILIN — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh bejn il-prodotti — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94”)

(2009/C 6/52)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Scil proteins GmbH (Halle, il-Ġermanja) (rappreżentanti: V. Dalichau u L.-M. Helbig, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: D. Botis, aġent)

Parti oħra fil-kawża quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Indena SpA (Milan, l-Italja)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-Deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tat-23 ta' Jannar 2007 (Każ R 10/2006-2) dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Scil proteins GmbH u Indena SpA.

Dispożittiv

- 1) Id-Deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tat-23 ta' Jannar 2007 (Każ R 10/2006-2) hija annullata sa fejn tiċħad l-oppożizzjoni għall-prodotti li ġejjin: “estratti ta' pjanti mediċinali għall-użu fl-industrija tal-kożmetika u tal-ikel, u mhux għall-finijiet dijanjostiċi”.
- 2) L-UASI huwa kkundannat għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 117, 26.5.2007.

Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-12 ta' Novembru 2008 — Weiler vs UASI IQNet Association — The International Certification Network (Q2WEB)

(Kawża T-242/07) ⁽¹⁾

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark Komunitarja verbali Q2WEB — Trade marks Komunitarji verbali preċedenti QWEB u figurattiva preċedenti QWEB Certified site — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) u 52(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 40/94”)

(2009/C 6/53)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Dieter Weiler (Pulheim, il-Ġermanja) (rappreżentanti: T. Dolde, V. von Bomhard u A. Renck, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: R. Pethke, aġent)

Parti oħra fil-kawża quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza: IQNet Association — The International Certification Network (Berna, l-Iżvizzera) (rappreżentanti: A. Masetti Zannini de Concina, M. Bucarelli u P. Bodenham, avukati)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tad-29 ta' Marzu 2007 (każ R 893/2005-1) dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn CISQ Federazione Certificazione Italiana Sistemi di Qualità Aziendali li mbagħad saret IQNet Association — The International Certification Network u D. Weiler.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Dieter Weiler huwa kkundannat għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 211, 8.9.2007.